

Il-Grotta tal-Madonna ta' Lourdes fil-Kalkara – Mhux Biss Devozzjoni

Guido Lanfranco

Fil-Kalkara, għall-kwiet, bogħod miċ-ċentri abitati, bejn il-Birgu u Ħaż-Żabbar, inbnew il-kunvent u l-knisja tal-patrijiet Franġiskani Kapuċċini. Il-bini beda fl-1736 u ntemm fl-1743. Din il-knisja hija ddedikata lil Santa Barbara, imma fl-1750-51 il-Papa Benedetto XIV kien irregalalhom korp sant ta' Santa Liberata, u kemm l-inħawi kif ukoll il-knisja huma aktar magħrufin b'dan l-isem u bilkemm tissemma' Santa Barbara.

Il-grotta

Ma' dan il-kumpless hemm bini li jinkludi fih grotta ġo għamla ta' kappella magħluqa b'kanċell, u fuqha koppletta b'salib fuqnett. F'din il-grotta mibnija bil-ġebel rustiku hemm statwa sabiħa tal-Madonna ta' Lourdes lejn il-lemin ta' min iħares, bi stellarju madwar rasha u raġġi wara daharha. Statwetta oħra, kemxejn żgħira ta' Santa Bernardina tidher fuq in-naħa l-oħra, b'kuruna tar-rużarju kbira mdendla mal-ħajt fil-qrib. Fil-grotta hemm ukoll lampier imdendel mis-saqaf u 'xemgħat' tal-elettriku mixgħulin. Għal dan l-għar inħadmet ukoll nixxiegħa li tinstema' ċċarċar taħt il-Madonna. Fuq il-ħajt barra l-grotta hemm żewġ plakek tal-irħam, waħda ġġib id-dati li fihom seħħew id-dehriet, u oħra bil-Latin li, fost affarijiet oħra, turi d-data MCMII. Din il-grotta tal-Kalkara hija magħrufa sewwa u bosta jmorru passiġġati fit-toroq tad-dawra u jieqfu jgħidu xi talba quddiemha jew jinviżtawha fid-dati tad-dehriet. Innies tal-Birgu, L-Isla, Bormla u Ħaż-Żabbar kienu u għadhom l-aktar li jżuru l-grotta, xi drabi f'għamla ta' pellegrinaġġ.

Tfal għad-dehriet

Bħala aspett tad-devozzjoni tad-dehriet ta' Lourdes, nieħdu eżempju xi ħaġa mill-Birgu. Din il-belt pittoreska bi storja twila għandha popolazzjoni relattivament żgħira, familji kollha jafu 'l xulxin. Sal-ewwel ftit mis-snin ħamsin l-iskola primarja tal-gvern għall-bniet kienet ċkejkna fi Triq il-Kwartier bi ftit student, u tas-subien fi Triq il-Palazz tal-Isqof. L-iskola tal-bniet kienet f'idejn ftit sorijiet li kienu jieħdu ħsieb it-tfal qishom familja waħda. Salvina Bonnici mill-Birgu (issa Lanfranco) kienet tmur f'dik l-iskola meta kellha minn 9 sa 10 snin u, fost affarijiet oħrajn, bi tweġiba għall-mistoqsijiet li għamiltilha fl-20 ta' Marzu 2012, qaltli dan li ġej:

"L-iskola kienet fi Triq biswit il-Kwartier, kienu jieħdu ħsiebha ftit sorijiet impjegati mill-gvern. Tas-subien kienet f'Bishop's Palace Street, imbagħad marret il-Fortini. Dan (li se ngħidlek) kien l-1950 għax tal-*boys* kienet għadha hemmhekk. Jiena kont hemm għall-ħabta tal-1949-1951 għax imbagħad mort is-sekondarja. Is-sinjora, fl-*assembly* kienet tiġi tavżana: 'Dawk it-tfal li jridu jiġu magħna mmorru nagħmlu d-dehra ... ' (Ġieli) kienet tavżana ġimgħa qabel. Konna nieħdu gost ħafna . . Konna nkunu eċċitati... . Għall-ġurnata tad-dehra, jekk ma jkunx maltemp."

Biex napprezzaw aktar dan li ġej, ta' min ifakkar li dak iż-żmien il-*break* ta' nofsinhar kien ikun ta' sagħtejn, minn nofsinhar sas-sagħtejn, u l-iskola tispiċċa fl-erbgħa. Għalhekk it-tfal tal-post kien ikollhom ċans imorru jieklu d-dar. Is-soru (is-sinjora) kienet ittihom nofs siegħa biex jiltaqgħu quddiem l-iskola, mbagħad imorru lejn il-Kalkara biex iżuru l-grotta tal-Kapuċċini. Tkompli tgħid Salvina:

"Aħna konna nkunu aktar eċċitati għax *on the way* konna naqtgħu il-qarsu u nikluh, naqtgħu il-ħobbejż u l-qrempuċ. Konna naqtgħu il-lewż aħdar biex ikollna l-bwiet mimlijin u waqt il-*lesson* ta' wara nofsinhar (nieklu u nqassmu lil xulxin). It-triq ma kienetx asfaltata ... Kienet kollha *puddles*. Konna noħorġu minn taħt il-mina tal-Birgu, mbagħad (is-soru) tarana naqsmu għax hemm kien dejjem perikoluż u mill-ewwel nidħlu minn dik il-mina l-kbira li tagħti għall-Kalkara. Minflok nibqgħu sejrin lejn St. Edwards, kif timxi ftit passi, iddur lejn ix-xellug u tara mina oħra ċkejkna lanqas tidher. U nibdew għaddejjin mill-*country road*. Anki mal-papà konna mmorru passiġġata imma mhux bilfors għad-dehriet. Mhux klassi konna nkunu imma ftit tfal. Konna l-ewwel immorru nieklu ta' malajr ... Kien ikollna sagħtejn *break*. Il-*mother*, min ma jiġix fil-ħin kienet titlaqna. Sister Donata Galea kienet; il-*mother* konna ngħidulha!

"Fit-triq mhux talb konna ngħidu. Konna nixxalaw ... Il-*mother* kienet tieħu gost tarana (nifirħu). Qabel tinżel għal dil-knisja (Santa Liberata) kien hemm żewġ pilastri ħelwin b'Sant'Antnin u San Franġisk tal-ġebel. Is-soru kienet tibda tgħid il-Kurunella ... Kienu jkunu xi tliet sorijiet ... Jgħiduha bl-amment: 'Sliema għalik o Verġni Mqaddsa, inti dehert lil Bernardina ... ' Konna ngħiduha magħha ... Konna nkunu nafuha ... Kważi nkantawha konna. U s-soru żżebbeġ (bil-kuruna). Kienet tgħidilna d-dar il-mamà ukoll. Fil-knisja qatt ma dħalna għax kienet tkun dejjem magħluqa. Quddiem il-kanċell, min ikollu xi sitt ħabbiet kien iwaddabha ġewwa ... Mhux ġo kaxxa. Konna nieħdu gost nisimgħuha ċċekċek (kif taqa' ġewwa)."

"Konna nieħdu gost u ġieli meta jkun għadu kmieni kienet teħodna l-*glaċis*. Hemm konna nieħdu gost nitgerbu fuq il-ħaxix. Is-soru ma kienx ikollha għaġla ... Qatt ma kienet tħares lejn l-arloġġ. Ġieli wasalna l-iskola fit-tlieta jew fis-sagħtejn u nofs ... Aħna konna nistaqsuha: 'Ngħaġġlu?' u hi: 'Le għax tisħnu, għax is-sħana ... Ħuduha *easy* ... Aqtgħu li tridu ... ' Kienet ħaġa sabiħa imma. Ftit konna nkunu. Min ikun tan-naħa tal-Mandraġġ lanqas jilħaq jitla' miskin. Is-soru nofs siegħa kienet ittina żmien biex niltaqgħu u mmorru. Vera konna nieħdu gost. Nista' ngħid li moħħna ma kienx biss fid-devozzjoni. Il-*mother* kienet tħobbna ħafna. Meta kienet traxxax ftit xita kienet tgħidilna: 'Ġibu xi ħaġa (għal fuq raskom!' Ħadd (mit-tfal) ma kellu umbrella lanqas *raincoat*. Mas-sittin sena ilu dan!"

L-istatwa tal-Madonna ta'Lourdes fil-grotta tal-Kapuċċini l-Kalkara

ROAD
SERVICING Ltd.

Triq il-Ħwawar, Xwieki l/o Naxxar NXR 09

Road Building Contractors

specialising in

Resurfacing of roads, Scaryfying of Roads, Kerb, Pavement and Driveways Constructions

ALSO CLEANING OF PLOTS AND GARAGES

Kindly contact our office on:

Tel: 2144 1772; Fax: 2144 1773; Mob: 9949 0434